



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-488/10

Celaya Emparanza y Galdos Internacional SA
vs
Proyectos Integrales de Balizamiento SL

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Alicante y nº 1 de Marca Comunitaria)

“Regolament (KE) Nru 6/2002 — Artikolu 19(1) — Disinni Komunitarji — Vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni — Kunċett ta’ ‘terzi’”

Sommarju tas-sentenza

Disinni Komunitarji — Effetti ta’ disinn Komunitarju — Drittijiet mogħtija mid-disinn Komunitarju — Dritt li kull terz jiġi prekluż mill-użu ta’ disinn — Kull terz — Kunċett

(*Regolament tal-Kunsill Nru 6/2002, Artikolu 19(1)*)

L-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 6/2002 dwar id-disinni Komunitarji għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'kawża dwar ksur ta’ dritt esklużiv mogħti minn disinn Komunitarju rregnistrat, id-dritt li terzi jiġi pprojbiti milli jużaw l-imsemmi disinn għandu jinkludi kull terz li juża disinn li ma jiproducix fuq uttent informat impressjoni globali differenti, inkluż terz detentur ta’ disinn Komunitarju rregnistrat wara, irrispettivament mill-intenzjoni u mill-aġir ta’ dan tal-aħħar.

Id-dispożizzjonijiet tar-regolament għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju ta’ priorità, li abbażi tiegħu d-disinn Komunitarju rregnistrat qabel għandu jipprevali fuq id-disinni Komunitarji rregnistrati wara. Mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament jirriżulta b'mod partikolari li l-protezzjoni ta’ disinn minn disinn Komunitarju hija żgurata biss sa fejn dan ikun ġdid u jippreżenta karattru individwali. Issa, fil-każ ta’ kunflitt bejn żewġ disinni Komunitarji rregnistrati, dak irregnistrat fl-ewwel lok huwa meqjus bħala li jissodisa dawn il-kundizzjonijiet biex jikseb il-protezzjoni Komunitarja qabel dak irregnistrat fit-tieni lok. Għalhekk, id-detentur ta’ disinn jew mudell Komunitarju rregnistrat wara jista’ jingħata l-protezzjoni li r-Regolament jagħti biss jekk juri n-nuqqas tal-imsemmija kundizzjonijiet fil-kontenut tad-disinn Komunitarju rregnistrat qabel permezz ta’ azzjoni għal dikjarazzjoni ta’ invalidità, jew jekk ikun il-każ permezz ta’ azzjoni rikonvenzjonali.

Abbażi tal-proċedura għal reġistrazzjoni tad-disinni Komunitarji, irregolata bl-Artikoli 45 sa 48 tar-Regolament, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) jeżamina l-konformità ta’ applikazzjoni mal-kundizzjonijiet proċedurali marbuta mal-preżentazzjoni, bħalma huwa previst bir-Regolament. Fil-każ li l-applikazzjoni tissodisa l-imsemmija kundizzjonijiet, tissodisa d-definizzjoni ta’ disinn imsemmi fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament u ma tilksirx l-ordni pubbliku jew il-moralità, l-Uffiċċju jdaħħal l-applikazzjoni fir-reġistro tad-disinni Komunitarji bħala disinn Komunitarju rregnistrat. Madankollu, dan huwa kontroll *prima facie* li huwa ta’ natura essenzjalment formal, li, kif indikat fil-premessa 18 tar-Regolament, ma jeħtieġx eżami dwar il-mertu li huwa intiż li

jiddetermina qabel ma ssir ir-reġistrazzjoni jekk disinn jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-kisba tal-protezzjoni u li, barra minn hekk, kuntrarjament għall-proċedura ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, ma jipprovdix għal fażi li tippermetti lill-proprietarju ta' disinn irregjistrat qabel biex jopponi r-reġistrazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija biss interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kull parti terza", fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament, bħala li tinkludi terz detentur ta' disinn Komunitarju rregjistrat wara li tista' tiggarrantxi kemm l-għan imfittegħ mir-Regolament ta' protezzjoni effikaċi tad-disinni Komunitarji rregjistrati, kif ukoll l-effettivitā tal-proċedimenti ta' vjolazzjoni.

(ara l-punti 39, 40, 42-44, 52, 58 u d-dispożittivi 1, 2)